MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1511/2001/1

**Maltacom Plc**

**Vs**
**Mary Grace Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm543.14c (hames mija u tlieta u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu) ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 482852 (skond ma jirrizulta mill-anness dokument A) u liema servizz gie installat fil-fond li jgib in-numru 76, Triq il-Kanun, Santa Venera u dana skond ma jidher mill-anness 'service aggreement' markat Dok B.

Il-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha

ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes, bl-imghaxijiet legai dekorribbli mis-data tal-ittra ufficjali.

Ra li l-konvenuta baqghet ma’ pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-Dr. Ingrid Zammit Young tikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**